



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/2019(BUD)

5.5.2011

EMENDI

1 - 28

Abbozz ta' opinjoni
Charles Goerens
(PE462.791v01-00)

Mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz ta' Baġit 2012
(2011/2019(BUD))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. **Jenfasizza** li mingħajr sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jirrispettaw l-impenji li hađu fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; **jesprimi ruħu favur il-ħolqien ta' taxxa Ewropea fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji bl-għan li tiffinanzja l-beni pubbliċi globali;**

Emenda

1. **Jindika** li mingħajr sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jirrispettaw l-impenji li hađu fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

Or. en

Emenda 2
Gay Mitchell

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. **Jenfasizza li mingħajr sorsi ta' finanzjament** addizzjonali, l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jirrispettaw l-impenji li hađu fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; **jesprimi ruħu favur il-ħolqien ta' taxxa Ewropea fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji bl-għan li tiffinanzja l-beni pubbliċi globali;**

Emenda

1. **Jinnota l-isfidi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, il-kriżi globali tal-ikel, it-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet speċjali ta' stati fraġli u stati li għaddejjin minn tranżizzjoni; jitlob f'dan ir-rigward** sorsi addizzjonali **u innovattivi ta' finanzjament biex jiġi żgurat li** l-Istati Membri **jkunu fl-aħjar qagħda li** jirrispettaw l-impenji li **saru fir-rigward** tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; **iħeġġeġ barra minn hekk li tiġi esplorata l-possibilità ta' taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji biex tgħin l-ilħuq tal-MDGs sal-2015;**

Or. en

Emenda 3

Bart Staes, Franziska Keller, Catherine Grèze

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jenfasizza li mingħajr sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jirrispettaw l-impenji li ħadu fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; jesprimi ruħu favur il-ħolqien ta' taxxa Ewropea fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji bl-għan li tiffinanzja l-beni pubbliċi globali;

Emenda

1. Jenfasizza li mingħajr sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jirrispettaw l-impenji li ħadu fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; jesprimi ruħu favur il-ħolqien ta' taxxa Ewropea fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji bl-għan li tiffinanzja l-beni pubbliċi globali, ***jiġifieri l-eradikazzjoni tal-faqar u t-tibdil fil-klima; ifakkar li l-iffinanzjar innovattiv għall-iżvilupp mhuwiex maħsub bħala sostitut għall-ODA, iżda huwa komplementari; itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-introduzzjoni ta' FTT għandha għalhekk tintrabat ma' impenn aktar vinkolanti mill-pajjiżi membri kollha li jilħqu l-objettiv ta' 0.7% f'infiq ta' ODA;***

Or. en

Emenda 4

Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

1. Jenfasizza li l-għajnuna uffiċjali fil-livell dinji għall-pajjiżi fqar żdiedet fl-2011, mingħajr iżda ma kienet fil-livelli mwiegħda jew fil-livelli tal-ħtiġijiet; jirrifjuta t-tnaqqis ta' EUR 70 miljun mid-DCI propost mill-Kummissjoni Ewropea u jitlob il-kontinwità tal-impenn tal-UE fl-2012 minkejja l-kuntest baġitarju diffiċli;

Emenda

Or. fr

Emenda 5
Michael Cashman, Thijs Berman

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 a. Jikkontesta l-valutazzjoni tal-prestazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u jopponi b'mod qawwi kwalunkwe tnaqqis fil-finanzjament tiegħu;

Or. en

Emenda 6
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2. Ifakkar li l-fondi allokatu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandhom ikollhom bħala għan it-tnaqqis tal-faqar; jitlob li l-kooperazzjoni kollha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li ma tissodisfax il-kriterji tal-kumitat tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp tal-OKŻE, tkun iffinanzjata permezz ta' strumenti oħra li ma jkunux dawk previsti għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

2. Jitlob lill-Kummissjoni tiffoka l-ġhajjnuna għall-iżvilupp fuq l-aktar pajjiżi fqar, inklużi l-Istati fraġli, u, fi hđanhom, fuq l-iktar popolazzjonijiet żvantaġġati u vulnerabbli; jitlob li l-kooperazzjoni kollha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li ma tissodisfax il-kriterji tal-kumitat tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp tal-OKŻE, tkun iffinanzjata permezz ta' strumenti oħra li ma jkunux dawk previsti għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

Or. fr

Emenda 7
Bart Staes, Franziska Keller, Catherine Grèze

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. **Jitlob** b'mod urġenti li l-infiq impenjat għall-mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikun ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali u ma jkunx l-oġġett ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid tal-fondi inizjalment allokat i għal skopijiet ta' żvilupp;

Emenda

3. **Itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-kwistjonijiet ambjentali jridu jiġu integrati u ffinanzjati aħjar fil-politiki esterni kollha, peress li l-ambjent, ir-riżorsi naturali u ekosistemi f'saħħithom għandhom rwol essenzjali fl-iżvilupp tal-bniedem u fl-eradikazzjoni tal-faqar; jappoġġa f'dan il-kuntest il-proposta li jiżdied il-programm tematiku dwar l-ambjent u r-riżorsi naturali bħala pass biex jiġu ssodisfati l-impenji li l-UE ħadet fil-konferenza tal-klima f'Cancun fl-2010; iżda** jitlob b'mod urġenti li l-infiq impenjat għall-mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikun ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali u ma jkunx l-oġġett ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid tal-fondi inizjalment allokat i għal skopijiet ta' żvilupp; **ifakkar li sabiex dan il-prinċipju jiġi żgurat, huma meħtieġa kontijiet separati għall-finanzjament klimatiku; itenni li sabiex il-finanzjament klimatiku jsir effikaċi, hemm bżonn li l-preokkupazzjonijiet tat-tibdil fil-klima jiġu integrati aħjar fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, filwaqt li tiġi infurzata l-Koerenza Politika għall-Iżvilupp;**

Or. en

Emenda 8
Gay Mitchell, Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. **Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu jirċievu għajjnuna pubblika għall-iżvilupp,**

Emenda

4. **Jaqbel li huwa meħtieġ approċċ divrenzjat għall-grupp divers ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li l-għajjnuna**

meta jitqies li l-ġlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla;

finanzjarja tradizzjonali taf issir inqas rilevanti għall-pajjiżi emerġenti; iqis li l-ghajjnuna għall-pajjiżi emerġenti, filwaqt li tippromwovi tkabbir ekonomiku sostenibbli, għandha tibqa' tiffoka fuq it-tisħiħ tal-politika fiskali tal-pajjiż sieħeb u fuq il-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku, xi ħaġa li għandha twassal għat-tnaqqis tal-faqar u tad-dipendenza fuq l-ghajjnuna;

Or. en

Emenda 9
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu jirċievu għajjnuna pubblika għall-iżvilupp, meta jitqies li l-ġlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla;

Emenda

4. Iqis li r-responsabilità għat-tnaqqis tal-faqar fl-Istati emerġenti hija primarjament tal-gvernijiet tagħhom u li għaldaqstant l-ghajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp tal-UE għal dawn il-pajjiżi għandha titnaqqas gradwalment;

Or. fr

Emenda 10
Thijs Berman

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu jirċievu għajjnuna pubblika għall-iżvilupp, meta jitqies li l-ġlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi

Emenda

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tneħħi gradwalment l-ghajjnuna għall-iżvilupp fil-forma ta' sussidji lil ekonomiji emerġenti b'approċċ divrenzjat adattat għal kull waħda minnhom, permezz ta'

għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla;

diversi metodi bħall-kofinanzjament u t-taħlit ta' self u għotjiet;

Or. en

Emenda 11

Bart Staes, Franziska Keller, Catherine Grèze

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu jirċievu għajjnuna *pubblika* għall-iżvilupp, meta jitqies li l-ġlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla;

Emenda

4. Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu jirċievu għajjnuna *uffiċjali* għall-iżvilupp, meta jitqies li l-ġlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla; ***ihēġġēġ lill-UE, matul il-perjodu ta' tneħħija gradwali, biex timmira l-għajjnuna tagħha lejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet għat-twaqqif tal-ġbir tat-taxxi, is-sigurtà soċjali u sistemi oħra ridistributtivi, filwaqt li tiġġieled ugwalmart kontra r-rifuġji fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ħrib illeċitu tal-kapital, biex il-pajjiżi jkunu jistgħu jiġbru d-dħul domestiku tagħhom, xi ħaġa li għandha twassal għat-tnaqqis tal-faqar u tad-dipendenza fuq l-għajjnuna;***

Or. en

Emenda 12

Michèle Striffler

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu

Emenda

4. Iqis li l-ekonomiji emerġenti – l-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil – m'għandhomx jibqgħu

jirċievu għajjnuna *pubblika* għall-iżvilupp, meta jitqies li l-għlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla;

jirċievu għajjnuna *uffiċjali* għall-iżvilupp, meta jitqies li l-għlieda kontra l-faqar f'dawn il-pajjiżi tista' tiġi żgurata grazzi għal riżorsi proprji ġġenerati minn ekonomiji li qed jikbru b'rata mgħaġġla; ***Iqis li l-Kummissjoni Ewropea tista' tiddefinixxi mill-ġdid l-oġġettivi tal-kooperazzjoni tagħha bl-għan li tappoġġa l-programmi nazzjonali, notevolment dawk għad-drittijiet tan-nisa, dawk kontra l-vjolenza konjugali u dawk għad-drittijiet tal-omosesswali;***

Or. fr

Emenda 13
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffoka l-għajjnuna għall-iżvilupp fuq l-aktar pajjiżi fqar u, fi ħdanhom, fuq l-iktar popolazzjonijiet żvantaġġati;

Emenda

imħassar

Or. fr

Emenda 14
Gay Mitchell, Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffoka l-għajjnuna għall-iżvilupp fuq l-aktar pajjiżi fqar u, fi ħdanhom, fuq l-iktar popolazzjonijiet żvantaġġati;

Emenda

5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffoka l-għajjnuna għall-iżvilupp fuq il-pajjiżi l-inqas żviluppati iżda jenfasizza l-ħtieġa li l-pajjiżi kollha jiġu meġhuna jilhqqu l-MDGs sal-2015, u f'dan ir-rigward jitlob li tibda titħaddem sistema bbażata fuq

premji u inċentivi biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu inkoraġġiti b'mod attiv jilħqu l-miri tal-MDGs;

Or. en

Emenda 15
Zigmantas Balčytis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffoka l-ghajjnuna għall-iżvilupp fuq l-aktar pajjiżi fqar u, fi hđanhom, fuq l-iktar popolazzjonijiet żvantaġġati;

Emenda

5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffoka l-ghajjnuna għall-iżvilupp fuq l-aktar pajjiżi fqar u, fi hđanhom, fuq l-iktar popolazzjonijiet żvantaġġati; ***jenfasizza l-importanza li tittiejeb il-kwalità tal-ghajjnuna;***

Or. en

Emenda 16
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5 a. Jiddeplora t-tnaqqis ta' 33% fil-linja baġitarja "Viċinat Ewropew u Partenarjat - Ghajjnuna finanzjarja lill-Palestina, il-proċess ta' paċi u l-UNRWA" propost mill-Kummissjoni Ewropea fil-baġit 2012; dan jirriskja li jipperikola l-ħlas mill-UNRWA tas-salarji ta' aktar minn 28 000 impjegat tal-persunal lokali (ibbażat f'Gaza, fix-Xatt tal-Punent, fil-Libanu, fis-Sirja kif ukoll fil-Ġordan) li jaħdmu fost l-oħrajn fis-settur edukattiv, soċjali u tas-saħħa;

Emenda 17
Thijs Berman

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jiċħad kull tentattiv li l-baġits allokatu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu integrati ma' dawk allokatu għall-għajjnuna umanitarja; iqis li l-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi huma sottofinanzjati, fuq kollox meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' kriżijiet umanitarji u ta' katastrofi naturali; ***iqis li l-proporzjon bejn il-baġit għall-għajjnuna umanitarja u l-baġit għall-għajjnuna għall-iżvilupp għandu jkun madwar 10%***;

Emenda

6. Jiċħad kull tentattiv li l-baġits allokatu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu integrati ma' dawk allokatu għall-għajjnuna umanitarja; iqis li l-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi huma sottofinanzjati, fuq kollox meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' kriżijiet umanitarji u ta' katastrofi naturali;

Or. en

Emenda 18
Michèle Striffler

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jiċħad kull tentattiv li l-baġits allokatu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu integrati ma' dawk allokatu għall-għajjnuna umanitarja; iqis li l-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi huma sottofinanzjati, fuq kollox meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' kriżijiet umanitarji u ta' katastrofi naturali; iqis li l-proporzjon bejn il-baġit għall-għajjnuna umanitarja u l-baġit għall-għajjnuna għall-iżvilupp għandu jkun madwar 10%;

Emenda

6. Jiċħad kull tentattiv li l-baġits allokatu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu integrati ma' dawk allokatu għall-għajjnuna umanitarja; iqis li l-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi huma sottofinanzjati, fuq kollox meta jitqies in-numru dejjem jikber ta' kriżijiet umanitarji u ta' katastrofi naturali; ***jitlob għalhekk li jiġi trasferit direttament l-ammont kollu, jew parti minnu, tar-riżerva ta' emerġenza fil-baġit inizjali tad-DG ECHO***; iqis li l-proporzjon bejn il-baġit għall-għajjnuna umanitarja u l-baġit għall-għajjnuna għall-

iżvilupp għandu jkun madwar 10%;

Or. fr

Emenda 19

Gay Mitchell, Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. ***Iqis*** li l-isforzi ***tal-Fond*** Globali għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja ***ppermetta*** li ***jsir progress sostanzjali fir-rigward tal-ġlieda kontra dawn il-flaġelli; iqis madankollu li l-ammonti allokatati għall-Fond Globali għal dan il-għan mhumiex suffiċjenti;***

Emenda

7. ***jinnota*** li l-isforzi ***tal-parteċipanti ffinanzjati mill-Fond*** Gloabli għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja ***wasslu għal riżultati sostanzjali u rapidi u jfaħħar lill-Fond għal dak li ntlaħaq s'issa, u jenfasizza li l-appoġġ kontinwu għal dawn il-parteċipanti huwa essenzjali biex tittieħed azzjoni kontra u jiġi eliminat it-tixrid tal-AIDS, tat-Tuberkolożi u tal-Malarja; madankollu, huwa mħasseb serjament dwar il-misapproprijazzjoni ta' fondi mill-Fond Globali u jqis li huwa ta' importanza kritika li jittieħdu miżuri konkreti kontra l-frodi fil-ġejjieni, u jenfasizza li l-użu ħażin tal-fondi u l-korruzzjoni huma kompletament inaċċettabbli;***

Or. en

Emenda 20

Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Iqis li l-isforzi tal-Fond Globali għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja ppermetta li jsir progress sostanzjali fir-rigward tal-ġlieda kontra

Emenda

7. ***Jenfasizza li, skont il-kunsens tal-komunità internazzjonali u l-impenji mġedda tal-UE espressi waqt is-Samits tal-G8 u tan-NU fl-2010 li tagħti prijorità,***

dawn il-flaġelli; iqis madankollu li l-ammonti allokati għall-Fond Globali għal dan il-għan mhumiex suffiċjenti;

politikament u finanzjarment, lill-appoġġ għas-saħħa materna u tat-tfal, l-iffinanzjar tas-saħħa mid-DCI għandu jitħares minn kwalunkwe tnaqqis baġitarju; Iqis li l-isforzi tal-Fond Globali għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja ppermetta li jsir progress sostanzjali fir-rigward tal-ġlieda kontra dawn il-flaġelli; iqis madankollu li l-ammonti allokati għall-Fond Globali għal dan il-għan mhumiex suffiċjenti;

Or. en

Emenda 21

Bart Staes, Franziska Keller, Catherine Grèze

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Iqis li l-isforzi tal-Fond Globali għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja ppermetta li jsir progress sostanzjali fir-rigward tal-ġlieda kontra dawn il-flaġelli; iqis ***madankollu*** li l-ammonti allokati għall-Fond Globali għal dan il-għan mhumiex suffiċjenti;

Emenda

7. Iqis li l-isforzi tal-Fond Globali għall-Ġlieda Kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja ppermetta li jsir progress sostanzjali fir-rigward tal-ġlieda kontra dawn il-flaġelli; iqis li l-ammonti allokati għall-Fond Globali għal dan il-għan mhumiex suffiċjenti; ***iżda jfakkar li kemm l-approċċ orizzontali kif ukoll dak vertikali huma meħtieġa u komplementari; għalhekk iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw it-titjib tas-sistemi tas-saħħa bażika, li għandhom ikunu aċċessibbli minn kulħadd;***

Or. en

Emenda 22

Gay Mitchell, Charles Goerens, Eleni Theocharous, Thijs Berman, Nirj Deva, Filip Kaczmarek

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 a. Jenfasizza l-importanza taż-żingu għat-trattament u l-prevenzjoni tad-dijarea u l-malnutrizzjoni biex jittejbu s-sopravivenza, it-tkabbir u l-iżvilupp tal-moħħ fit-tfal żgħar; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jallokaw il-fondi meħtieġa biex jipprovdu supplimentazzjoni taż-żingu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li tista' ssalva l-ħajja ta' 450 000 tfal taħt l-età ta' ħames snin kull sena;

Or. en

Emenda 23
Gay Mitchell

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8. Jinsisti sabiex jitkompla u jissaħħaħ il-finanzjament tal-mekkaniżmi li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess għas-servizzi finanzjarji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

8. Jinsisti sabiex jitkompla u jissaħħaħ il-finanzjament tal-mekkaniżmi li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess għas-servizzi finanzjarji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; **jistieden lill-UE u lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw isaħħu d-drittijiet tal-proprjetà u jiffaċilitaw l-aċċess għall-kreditu u għas-self għan-negozji ż-żgħar, għall-bdiewa u għall-komunitajiet lokali;**

Or. en

Emenda 24
Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

11. Jitlob lill-Kummissjoni tibda tħaddem, fi ħdanha, ċentru ta' riflessjoni strateġika permanenti, awtonomu u ta' kwalità għolja, dwar il-politika tal-iżvilupp u dwar l-evoluzzjoni futura tagħha;

imħassar

Or. en

**Emenda 25
Charles Goerens**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

11. Jitlob lill-Kummissjoni tibda tħaddem, fi ħdanha, ċentru ta' riflessjoni strateġika permanenti, awtonomu u ta' kwalità għolja, dwar il-politika tal-iżvilupp u dwar l-evoluzzjoni futura tagħha;

imħassar

Or. fr

**Emenda 26
Bart Staes, Franziska Keller, Catherine Grèze**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

11. Jitlob lill-Kummissjoni tibda tħaddem, fi ħdanha, ċentru ta' riflessjoni strateġika permanenti, awtonomu u ta' kwalità għolja, dwar il-politika tal-iżvilupp u dwar l-evoluzzjoni futura tagħha;

imħassar

Or. en

Emenda 27
Michèle Striffler

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni

12. Jitlob lill-Kummissjoni ttiprovdi lill-Parlament, f'ħin opportun, informazzjoni eżawrjenti dwar l-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

Emenda

12. Jitlob lill-Kummissjoni ttiprovdi lill-Parlament, f'ħin opportun, informazzjoni eżawrjenti dwar l-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ***dwar il-valutazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-kundizzjonijiet ta' eliġibilità għall-appoġġ baġitarju u dwar is-segwitu li ngħata,***

Or. fr

Emenda 28
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 13 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

13 a. Iqis li l-istabbiliment ta' ċentru ta' riflessjoni permanenti, awtonomu u ta' kwalità għolja, fi ħdan il-Kummissjoni, se jservi biex jitfa' aktar dawl fuq il-politika ta' ppjanar baġitarju u strateġiku fil-qasam tal-politika tal-iżvilupp;

Emenda

Or. fr